MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Numru 489/2001

**Artikoli 298 B (1) u 298 (1) (f)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
v

**MARTIN CACHIA**

**Seduta ta' llum, 3 ta' Frar, 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARTIN CACHIA** bin Michael u Josephine nee Aquilina imwieled Pieta` nhar id-disgha u ghoxrin ta' Marzu, 1959 u residenti 'Casa Martina', 238, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-

identita` numru 235859M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 2000 gewwa l-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb tal-kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe` diversi videos u CDs u fit-tieni lok talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc stampa, mmanufattura, dduplika jew b'mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew b'mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe` diversi videos u CDs bi ksur ta' jheddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe` it-Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra li taghhom Doctor Patrick Galea u jew socjetajiet ohra huma rappresentati, protetti bil jew taht il-ligi ta' Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 2002 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tlieta ta' Frar, 2003.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 298 (i)(f) u 298 B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tlieta ta' Frar, 2003.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlieta ta' Frar, 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` illi l-ammont ta’ videos u CDs misjuba ghand l-imputat u konsegwentement esebiti l-Qorti huwa *de minimis* u cioe` sittax il-video u hamsa u ghoxrin CD.

Rat illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni kif jirrizulta mill-verbal tal-Prosekuzzjoni fl-atti registrat fit-tlieta ta’ Frar, 2003.

Rat li l-imputat ghandu jigi trattat bhala *first time offender* peress li l-fedina penali tieghu ma tinsabx esebita f’dawn l-atti u huwa ma giex moghti l-akkuza ta’ recidiva.

**Illi ghalhekk l-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tinzel inqas mill-minimu stabbilit mill-ligi bhala piena u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li tiddikjara li qed issib lill-imputat MARTIN CACHIA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, qed tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt lira Maltin.**

**Inoltre ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti fl-atti kif elenkati fin-nota esebita mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Martin Sammut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------